**MALTA**
**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR SIMONE GRECH LL.D.**

**Seduta tat-12 ta' Frar 2019**

**Avviz Nru. 86/2018**

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd (C- 8692)**

**vs**

**Sylvia Perry**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz li permezz tieghu, is-socjeta' rikorrenti tablet lil din il-Qorti sabiex tordna lill-intimata thallasha s-somma komplessiva ta' tnax-il elf, tlett mija u disgha u tmenin Ewro (EUR 12,389) rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' sebat elef erba' mija u tnejn u disghin Ewro (EUR 7,482) bilanc ta' prodotti mibjugha u konsenjati lill-intimata u in kwantu ghas-somma ta' erbat elef tmien mija u sebgha u disghin Ewro (EUR 4,897) il-valur ta' makkinarju konsenjat lill-intimata izda qatt ritornat u dan kif jirrizulta mid-dokumentazzjoni annessa ma' l-istess avviz promotur.

Rat illi minkejja li l-intimata giet debitament notifikata hekk kif jirrizulta mir-riferta a fol 14 tal-process, l-istess intimata ma pprezentat l-ebda risposta u ghalhekk hija kontumaci.

Semghet ix-xhieda prodotti mis-socjeta' rikorrenti.

Rat id-dokumenti ezebiti.

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghal-lum.

**Ikkunsidrat;**

Mix-xhieda u dokumenti pprezentati, jidher li ntlahaq ftehim bejn is-socjeta' rikorrenti u l-intimata dwar *oulet* maghruf bhala *Chick King San Gwann* (*Account No* 20967) ezebit a fol 2 u ftehim iehor dwar *outlet* maghruf bhala *Chick King Mosta* (*Account No* 20797) ezebit a fol 3.

Irrizulta mid-dokument ezebit a fol 4 u mmarkat bhala AMSM 003 illi fuq il-kont numru 20967 hemm dovuta s-somma ta' EUR 2,739.08c mentri hija dovuta s-somma ta' EUR 4,752.96c fir-rigward tal-kont numru 20797 (Dok AMSM 004 a fol 5).

Irrizulta wkoll li l-intimata kienet giet moghtija *Harmony Display Cake* tal-valur ta' EUR 2478 (VAT inkluz) (Vide Dok AMSM005 a fol 6 u Dok MSX1 u Dok MSX2 ezebiti fis-seduta ta' l-4 ta' Frar 2019) u 3 Arcaboa Chest Freezer AAC550CHE/E (1.8m) tal-valur ta' EUR 625.40 (VAT inkluz) kull wiehed (Vide Dok AMSM005 a fol 6 u Dok MSX 3, MSX 4, MSX 5, MSX 6 u MSX7 ezebiti fis-seduta ta' l-4 ta' Frar 2019) .

Fid-dokument immarkat bhala DOK AMS M005 a fol 6, hemm indikat li l-*outlet* Chick King Mosta gie mghoddi Arcaboa Chest Freezer AAC430CHE/E (1.4m) valutata ghall-ammont ta' EUR 460 (VAT eskluz). Madanakollu dan id-dokument gie maghmul minn Darren Fenech *sales administrator* tas-socjeta' rikorrenti. Is-socjeta rikorrenti ma resqitx provi sufficjenti f' ghajnejn din il-Qorti dwar din il-*freezer* partikolari bhalma ghamlet fir-rigward tal-*freezers* l-ohra u l-*display cake* kontenuti f' Dok AMS M005. Ghaldaqstant, din il-Qorti mhijiex ser tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti ghal dak li ghandu x' jaqsam ma' din c-*chest freezer* AAC430CHE.E (1.4m).

Is-somma komplessiva flimkien ma' VAT dovut fuq dan il-makkinarju eskluz biss c-*chest freezer* AAC430CHE.E (1.4m) hija ta' EUR 4,354.20c.

Jifdal il-kwistjoni ta' imghax. Minkejja li fl-avviz promotur ma hemmx talba ghal hlas ta' imghax, skont id-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Civili Superjuri) tas-7 ta' Ottubru 2005 fl-ismijiet **Abela Costantino Vs Azzopardi George,** anki fl-att ta' citazzjoni fejn ma ssirx talba sabiex fuq il-kapital mitlub jiddekorri l-imghax, il-Qorti xorta wahda tista' tikkundanna lill-konvenut ihallas il-kapital bl-imghax.

Miz-zewg ftehim ezebiti a fol 2 u 3 tal-process, jirrizulta li l-intimata nghatat *credit payment terms* izda skont l-istess ftehim, f' kaz ta' *overdue payments*, *"the Customer shall be deemed to have forfeited the benefit of time allowed to him by this agreement and the Company shall have the full right to insist on the*

*immediate payment of the full balance due to the Company."* Dwar imghax, l-istess ftehim jistipolaw illi *"interest shall accrue on any balance not paid within the approved credits days a aforesaid, at the maximum rate so allowed by law."*

Il-Qorti ghalhekk sejra tordna li l-imghax dwar l-ammonti dovuti fuq il-merkanzija supplita ikun dovut mhux mid-data li fiha kien jiskadi l-*credit payment terms* izda mid-data li fiha gie kkonsenjat il-prodott (liema data hija dik indikata bhala d-data ta' l-*invoice* ossija "*Doc Date"* fuq id-dokumenti a fol 4 u 5. Dwar l-imghax dovut fuq il-makkinarju konsenjat, dan l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data ta' *delivery notes* ezebiti ossia dawk id-dati li jirrizultaw minn Dok MSX2 ; Dok MSX 4, Dok MSX 6 u Dok MSX 7 ezebiti waqt is-seduta ta' l-4 ta' Frar 2019.

**Decide**

Ghaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' limitatament it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti fis-sens li tordna lill-intimata thallas lill-istess socjeta' rikorrenti s-somma ta' sebat elef erba' mija u tnejn u disghin Ewro ( EUR 7,492) bilanc ta' prodotti mibjugha u kkonsenjati lill-istess intimata bl-imghax dekorribbli mid-data ta' kull fattura sad-data tal-hlas effettiv flimkien mas-somma ta' erbat elef tlett mija u erba' u hamsin Ewro u ghoxrin centezmu (EUR 4,354.20c) rapprezentanti makkinarju konsenjat lill-intimata bl-imghax dekorribbli mid-data ta' konsenja sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha relattivi ghal din il-kawza ghandhom jigu sopportati mill-intimata.

| | |
|---|---|
| **Dr Simone Grech LL.D.** | **Karen Falzon** |
| **Magistrat** | **Deputat Registratur** |